VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 65

It-Tnejn 13 ta' Awissu 2012 fil-5.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia, Mario Camenzuli w Valerie Borg. Peter Buontempo kien skużat minħabba li kien l-Isptar.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 63 li saret nhar il-Ħamis 13 ta' Lulju 2012, kienu konfermati mis-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillier Vincent Farrugia biss. Il-Minuti ma ġewx approvati min Raymond Azzopardi, Mario Camenzuli w Valerie Borg ghalkhemm ma talbux modifiki.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku nforma li t-tender ta' l-LCD screens ingħata lil MCFR Ltd. Din il-Kumpanija ser tkun marbuta għal numru ta' snin u wara l-perjodu tal-Kuntratt l-Iscreens ser isiru propjeta' tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser ikollu spazju biex jagħmel l-avviżi. Kien hemm qbil dwar dan.

1.2 Is-Sindku reġgħa ta' spjegazzjoni qasira dwar aplikazzjoni ġdida li l-Kunsill ser jibda taħdem fuqha. Din hija dwar proposta biex ix-xatt min'Marsamxett sa taht il-Qanpiena jiġi riġenerat.

1.3 Is-Sindku nforma li l-Permess tal- Proġett tal-Bandli ta' taħt il-Qanpiena għadda. Għalhekk nforma li s-Seġretarja qed tlesti s-sejħa għal-offerti għax-xogħolijiet u se tippublika minnufieh.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li jsir analiżi biex naraw l-possibilita' li jsir football pitch fid-ditch li qiegħed fl-aħħar ta' Triq ir-Republika. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Sindku nforma li t-tender tax-xogħolijiet ta' Peacock garden ser jingħata lil Steel Structures. Is-Sindku stieden lil Project Manager biex jagħti spjegazjoni kif wasalna għal din id-deċizjoni peress li ma kienetx l-irħas offerta'. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.3 Is-Sindku nforma li saret laqgħa dwar L-Attivitajiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena. Din saret bejn is-Sindku, G7 u l-Kunsill tal-Furjana. Se jkun hemm laqat ohra fil-futur qrib. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.4 Is-Sindku nforma li bdew id-diskusjonijiet minħabba Notte Bianca u Researcher's Night li ser issur nhar 29 u 30 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.5 Is-Sindku nforma li l-Kunsill rċieva korrispondenza mill-European Walled Towns biex nkunu parteċipi l-konferenza li ser issir ġewwa Dubrovnik. Il-Viċi Sindku, s-Segretarja w Town Centre Mananger ser jattendu għal din il-Konferenza dwar Sustainable Tourism. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 3. KORRISPONDEZA

3.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta biex naraw jekk m'hemmx toroq lii għadhom qatt ma saru min naħħa tal-gvern centrali. L-Kunsill qabel li fil-Belt Valletta m'hemm l-ebda triq li għada ma saritx. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Arċipriet ta' San Pawl biex issir rampa quddiem id-Domus Pauli biex dan il-post li jservi bħala uffiċju parrokjali. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-konfraternita' ta' Ssmu Kurċifiss dwar il-Festa ta' Santu Kruċ.

3.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Kultura dwar l-festi 8 u 21 ta' Settembru.

## 4. AMMINISTRAZZJONI

It-Town Centre Manager Matthew Carbonaro nforma lil Kunsill dwar proposti ta' attivitajiet li rċevejna.

4.1 Il-Kunsill rċieva proposta min għand iċ-ċiċċo carnival company fejn ukoll saret laqgħa fil-preżenża tal-Kunsillier Vincent Farrugia biex issir il- Ġostra fix-xatt ta' Marsamxett. Din ser issir fl-1 u 2 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill ser ikun parteċipi f'din l-attivita u għalhekk għamel budget ta' spiża ta' mhux aktar min €1000.00 biex niprovdu sound, tazza w l-ġostra.

4.2 Il-Kumitat tal-Festi tal-Belt flimkien mal-Kunsill Lokali ser jorġanizzaw wirja ta'Abbozzi tal-padruni tal-Belt. Din ser issir fis-Sala tal-Kunsill u ser jieħda sehem l-4 Festi tal-Belt.

4.3 It-Town Centre Manager informa dwar il-BBQ li ser isir biex jagħlaq is-Summer School. Dan ser isir flimkien mal-Concert tat-tfal. Il-Kunsill ser jiprovdi ikel għat-tfal u l- genituri jħalsu jekk jixtiequ jieklu. Dan ser isir nhar is-6 ta' Settembru 2012 gewwa l-ġnien Hastings.

4.4 It-Town Centre Manager informa dwar it-Talba min għand l-għaqda sportiva tas-Subbateo biex jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill biex isir *End of Season Reception.* Dan ser isir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Settembru 2012.

4.5 It-Town Centre Manager informa li ġie avviċinat min grupp ta' delettanti tal-St Paul's Aquatic Club biex il-Kunsill jagħti xi għajnuna finanzjara biex jinxtraw l-Lasti. Il-Kunsill qabel li għandu jirċievi korrispondenza bil-miktub.

4.6 It-Town Centre Manager informa li saret laqgħa preliminari mal-Organizzaturi ta' Zigu Zajk u s-Segretarja. Is-Sehem tal-Kunsill ser ikun biex niffaċilitaw l-permessi. Dan ser isir bejn it- 19 – 25 ta' Novembru.

4.7 Is-Segretarja nfurmat li l-Kunsill rċieva l-ammont ta' €5000 għal- iskema EGOV 4U. Qed isiru l-preparamenti neċessarji biex dan ix-xogħol isir.

4.8 Is-Segretarja nfurmat li t-tender tal- Ġbir ta' l-iskar kien ilu magħluq u għalhekk kien opportun li dan jerġa joħrog. Il-Kunsill Azzopardi nkarigat mill-Indafa qabel dwar dan.

4.9 Is-Segretarja nfurmat li sar analiżi dwar il-gbir ta' l-iskart miċ-ċentru kif ukoll mit-toroq residenzjali tar-Ristoranti u l-ħwienet ta' xorb. Deher biċ-ċar li qed isir abbuz kbir miż-żewg kuntratturi tal-Kunsill Lokali peress li qed iħaltu skart tar-ristoranti privat ma dak normali. Għalhekk ser isir monitoring min wardens.

4.10 Is-Segretarja nfurmat dwar xi problem li għandu l-kunsill dwar it-toroq li diga saru. Jidher li l-livelli tat-tarmac m'humiex 100%. Għalhekk dan il-Kuntrattur għadu ma tħallas għal xogħol li għamel. Is-Segretarja flimkien tat-Town Centre Manager kellhom laqgħa mad-dipartiment dwar din il-kwistjoni. Dan peress li hemm flus tad-dipartiment involuti. Il-kuntrattur se jithallas rata imnaqsa hekk kif il-perit ilesti ir-raporti u ir-rekomandazzjonijiet tieghu.

4.11 Is-Segretarja nfurmat li kienet saret talba nformali biex isiru 2 traffic calmers fi Triq ir-Republika. Il-Kunsillier Azzopardi nforma li t-talba formali mhux ser issir peress li ħadd ma jrid jerfgħa risponsabilita'.

**TMIEM**

Fil-7.30pm intemmet is-Seduta w aġġornat għal-11 ta' Settembru 2012.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku